Minuti tal-ħamsa u ħamsin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Service Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| | Ambaxxatriċi | Sarah Camilleri |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
    a. Minuti 54/7 – 23 ta' Settembru 2015

2. Komunikazzjonijiet:
    a. Sindku
    b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:
        i. Viċi Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Mozzjoni rigward reati rrapportati fl-Għassa tal-Gudja mressqa minn Mark Anthony Sammut u ssekondata minn Stefan Caruana

4. Rapporti:
    a. Ilmenti

5. Proġett ta' Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa – bankini u *resurfacing* – pendenzi, kontijiet u pagamenti

6. Xogħol ta' *back office* fil-bini amministrattiv tal-Kunsill f'nru 88 Triq R. Caruana.

7. Live Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill

8. Attività – JChallenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-area tal-Ġnien Raymond Caruana - progress

9. Finanzi:
   a. *Petty Cash*
   b. Skeda ta' Pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Temi u Xogħlijiet Pendenti:
    a. L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja - żviluppi
    b. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana - Progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti
    c. Triq Ruzar Formosa - progress
    d. CCTV cameras ġewwa l-Gudja – progress mar-Reġjun
    e. Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC u l-Youth Nursery
    f. Xogħlijiet ta' konkos/asfaltar fi Triq tal-Lampat
    g. Proġett ta' restawr – progress dwar l-applikazzjoni
    h. Barriers fi Triq il-Kbira, il-Gudja

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti:</u>**
**<u>a. Minuti 54/7 – 23 ta' Settembru 2015</u>**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret fit-23 ta' Settembru 2015 li ġew iċċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija u ġew ukoll approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li tqajmu dwar il-minuti.

1.2.1 Tema 2.1.3 – Kanal/kulvert fit-trejqa li tagħti għal kampanja f'Ta' Xlejli. Is-Sur Baldacchino qal li fil-fehma tiegħu dawn ix-xogħlijiet ma sarux sewwa u huwa għalhekk li issa qed niffaċċjaw il-konsegwenzi.

1.2.2 Tema 2.1.4 – Xogħol fi Sqaq il-Munxar. Is-Sur Baldacchino qal li għandu jiġi ċċarat illi l-post indikat għandu jitniżżel bħala Sqaq il-Munxar kantuniera ma' Triq Victor Pasmore li jinsabu fil-kampanja. Is-Sur Baldacchino qal li fil-fatt ma kienx

hemm mili ta' toqob iżda li tqatta' kanal żgħir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u issa hemm bżonn li dan il-kanal jinkesa sewwa bir-ramel u *cement*.

F'dan l-istadju s-Sindku intervjena billi qal li l-Perit tal-Kunsill kien mar fuq il-post sabiex jassigura li x-xogħol li sar kien qed iservi sewwa sabiex jiskula l-ilma u ma jibqax maqgħad li kien qed joħloq inkonvenjent serju kull meta tagħmel ix-xita.

1.2.3 Tema 2.1.5 - Xogħol fi triq tal-ġibjun – Wied Ġarnaw. Fuq mistoqsija tas-Sur Baldacchino, is-Sindku wieġeb li fil-fatt ix-xogħol fi triq ta' fejn hemm il-ġibjuni, ix-xogħol huwa ppjanat li jsir fi 3 fażijiet. It-32 jarda konkos sejrin jintużaw sabiex ikun hemm wiċċ ta' triq aħjar u jkun hemm xogħol ta' manutenzjoni tajjeb ta' fejn diġà sar ix-xogħol f'fażijiet oħra.

1.2.4 Tema 2.1.9 - Laqgħa mas-Segretarju Parlamenti Dr. Stefan Buontempo li saret fis-26 t'Awwissu 2015, fl-uffiċċju tiegħu l-Belt dwar lok addatat għall-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Fuq mistoqsija tas-Sur Baldachino s-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma għandux komunikazzjoni bil-miktub. Is-Sur Baldacchino insista li l-Kunsill għandu jinforma lil Ms. R. Vella (Direttur) u lis-Sur Joseph Caruana (Segretarju Permanenti) li minkejja li l-Perit tal-Kunsill mar l-iskola sabiex jimxi kif kien diġà maqbul uffiċjalment, il-Kap tal-Iskola waqfitu milli jagħmel l-ispezjoni meħtieġa u dan id-dewmien qed ikun ta' ħsara lill-Kunsill speċjalment għaliex ma għandux aċċess liberu li jagħti manutenzjoni meħtieġa fl-apparat li jeżisti fil-kamra tal-Life Long Learning ġewwa l-iskola.

F'dan l-istadju ntalbet sospenzjoni tal-aġenda u l-Kunsill b'mod unanimu qabel li jkun hemm bidla fil-konsiderazzjoni tal-ordni tal-aġenda sabiex il-Kunsill jiddiskuti tema urġenti u ta' importanza.

1.2.5 Allegazzjoni ta' tkeċċija tas-Sur C. Zammit mill-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur Sammut staqsa dwar x'wassal li s-Sur Charles Zammit, magħruf ukoll bħala voluntier tal-Kunsill, jiġi mkeċċi mill-uffiċċju temporanju fil-librerija tal-Kunsill meta s-Sur Zammit kien ġewwa l-Kunsill sabiex jagħmel ilment ġenwien.

Is-Sur Sammut staqsa wkoll direttament lis-Sindku x'wasslu sabiex, kif huwa allegat, imur jagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun dwar l-istess voluntier is-Sur Zammit.

Is-Sur Sammut qal ukoll illi fuq bażi ta' dan l-istess rapport, jidher li tliet pulizija marru fid-dar privata tas-Sur Zammit u jidher li sar dan bil-ħsieb li jwissu lis-Sur Zammit fuq bażi tal-istess rapport.

Fil-bidu tad-diskussjoni s-Sindku deher li ma kienx kompletament konxju dwar dak li ġara u stqarr li huwa (is-Sindku) ma kienx infurmat dwar dak li kien qed jiġi allegat.

Wara li ġie indikat dwar dak li ġara, is-Sindku spjega li kien qed iħossu skomdu li jara lis-Sur Zammit għal żmien twil u għal ħafna drabi jkun qed il-Kunsill u li huwa (is-Sindku) kienu qed jaslulu rapport li xi persuni qed iħossuhom skomdi li jirrikorru għand il-Kunsill dwar dak li jkunu jeħtieġu.

Hawn hekk is-Sur Sammut sklama u qal "allura dan kellu jkun każ ta' rapport għand il-Pulizija!".

Is-Sindku qal li meta mar l-għassa, il-Pulizija bdiet iċċempel lis-Sur Zammit, il-Pulizija ma rnexxiliex tagħmel dan iżda huwa qatt ma bagħat il-Pulizija għand is-Sur Zammit.

F'dan l-istadju, il-Kunsill bi qbil unanimu, qabel li jistieden lis-Sur Zammit sabiex jindirizza lill-Kunsill.

Is-Sur Zammit qal li huma jħossu kemm iddispjaċut kif ukoll urtat. Huwa kien biss wassal xi ilmenti għand il-Kunsill sabiex jittieħdu passi kif ikun hemm bżonn u għalhekk ma jifhimx għaliex is-Sindku kellu jieħu passi daqshekk drastiċi kontrih meta huwa (is-Sur Zammit) iħossu jkun utli fil-ħidma tiegħu ta' voluntier fil-Kunsill. Huwa qal li ma jifhimx x'ġara wara li bosta drabi s-Sindku stess faħħru u ppremjah pubblikament. Is-Sur Zammit ċaħad kattegorikament li qal kliem kontra s-Sindku u xi Kunsilleri.

Is-Sur Zammit qal li meta marru l-Pulizija d-dar tiegħu, huwa ma kienx id-dar iżda l-Pulizija sabu lit-tifla tat-tifla tiegħu u din ħadet qata' kbira meta sabet ma' wiċċa tliet Pulizija. Is-Sur Zammit qal li ma setax jikseb kopja tar-rapport li għamel is-Sindku fl-Għassa taż-Żejtun għaliex jidher li dan ma jeżistix u għalhekk huwa ma jafx x'qal fuqu s-Sindku fl-Għassa taż-Żejtun.

Is-Sindku wieġeb li għalkemm kien ħassu ferm urtat għaliex kien l-istess Sur Zammit li qal kontrih (is-Sindku kif ukoll kontra l-Kunsillieri l-oħra), fil-fatt huwa ma kienx bagħat il-Pulizija fid-dar tas-Sur Zammit.

Saret diskussjoni fejn ġie stabbilit b'mod ċar li kull resident kellu u għandu dritt li jissindika x-xogħol tal-Kunsill u jagħmel il-kritika kif ikun jixtieq. Dan jista' jsir bl-aktar mod liberu u li żgur ma għandux jinvolvi l-Pulizija.

Wara l-ispjega tas-Sindku u tas-Sur Zammit dwar dak li seħħ, il-Kunsillieri b'mod unanimu għamlu dikjarazzjoni kif ġej:

a. Nirrikonoxxu li bħala kunsilliera lokali qegħdin hemm għall-iskrutinju pubbliku u kull resident jista' jikkritikana jew ifaħħarna mingħajr biża' li ma jinqediex minn xi servizz tal-Kunsill.

b. Ma waqqfu lill-ebda resident milli jiġi jinqeda fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, għax dak huwa bini pubbliku li qiegħed hemm biex jinqdew in-nies

c. Ma għandna l-ebda problema b'dan ir-resident (is-Sur Zammit), anzi nirringrazzjawh tax-xogħol u l-ħin volontarju li jagħti lill-Kunsill għall-ġid tal-lokal tal-Gudja

d. Niddistakkaw ruħna mill-aġir kundanabbli tas-Sindku, li għamel rapport lill-Pulizija bla bżonn

e. Nitolbu li titbagħat ittra lill-Għassa taż-Żejtun u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi spjegat lilna (Kunsillieri) ir-raġuni għaliex inħasset il-ħtieġa li jintbagħtu tliet pulizija jwissu lir-resident għax kien fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jagħmel ilment.

Is-Sindku baqa' jinsisti li huwa ma għandu l-ebda diffikultà li s-Sur Zammit ikompli jagħmel xogħol ta' volontarjat mal-Kunsill. B'dak li għamel xtaq jipprova juri d-diżapprovazzjoni tiegħu li s-Sur Zammit ikun f'ħinijiet twal fil-Kunsill għaliex dan seta' jwassal nies li jħossuhom skomdi li jersqu għand il-Kunsill. Is-Sindku saħaq li huwa qatt ma bagħat il-Pulizija fid-dar tas-Sur Zammit.

Wara din is-sospenzjoni tal-aġenda, il-Kunsill kompla bil-laqgħa fl-ordni tal-aġenda kif avżata.

## 2.0 <u>Komunikazzjonijiet</u>

2.1.0 Sindku

2.1.1 Ħatra ta' Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Is-Sindku feraħ lis-Sna Camilleri għall-ħatra tagħha u wiegħed il-koperazzjoni tiegħu u tal-Kunsill kollu sabiex din il-ħatra tkun effettiva u jkollha s-suċċess qalb iż-żgħażagħ kif huwa mixtieq, li jersqu aktar lejn il-Kunsill u japprezzaw ukoll il-ħidma tal-Kunsill.

2.1.2 Bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qed jikkonsidra diversi siti u kien stieden l-kummenti u rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera dwar dawn is-siti. Il-Kunsilliera huwa ġentilment mitluba dwar dak li jixtiequ bħala uffiċċini iżda l-bini ġdid tal-Kunsill għandu jinkludi sala u post għall-berġa.

Binja fi Ġnien R. Caruana quddiem il-librerija. Is-Sindku qal li din l-*area* ġiet diskussa kemm mal-Perit Farrugia (mill-Ministeru tal-Gvern Lokali) kif ukoll mal-Periti tal-Kunsill is-Sur Charles Buhagiar u s-Sur Gilbert Bartolo.

Din tista' tkun binja ta' żewġ sulari u tkun tista' tambjenta sewwa fil-ġnien u li ma tifxkel xejn li wieħed ikun jista' jkompli jgawdi l-ġmiel tal-ġnien li jista' wkoll jiġi rranġat aħjar b'riġenerazzjoni tiegħu.

Is-Sur Baldacchino qal li huwa ma jħossux kuntent li l-Kunsill jieħu parti minn Ġnien R. Caruana li jista' jitqies bħala l-pulmun fil-qalba tar-raħal tal-Gudja.

Is-Sur Caruana qal li binja fit-tarf tal-Iskola Primarja, liema parti hija bla użu u żdingata fil-bitħa li hija kantuniera bejn Triq San Mark u Triq iż-Żebbuġa, tista' tkun tajba għall-iżvilupp.

Is-Sindku wieġeb illi din il-parti tal-iskola, għalkemm il-Kap tal-Iskola tidher li mhux sejra ssib oġġezzjoni tista' tinqala' problema meta finalment il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni mingħand l-FTS.

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-possibilità li jikkonsidra binja fuq il-ġibjun fi Triq ix-Xlejli. Kemm il-lokazzjoni u sfidi oħra dwar dan il-lok għad għandhom jiġu kkonsidrati.

B'mod ġenerali l-Kunsill qabel li binja ġdida għall-Kunsill irid ikollha binja ta' żewġ sulari, isfel uffiċċini amministrattivi u fuq sala li tkun *multipurpose* li tista' tinqasam b'faċilitajiet moderni.

Dawn il-faċilitajiet għandhom ukoll jinkludi l-*Life Long Learning Centre* li jkun attrezzat u aċċessibbli bl-aktar mod faċli.

Dwar il-berġa, il-Kunsill iħoss illi jekk u meta din tiġi inkorporata fil-bini tal-Kunsill, il-Gvern Ċentrali għandu jżid il-kontribut finanzjarju favur il-Kunsill.

Il-Kunsill iħoss illi hemm bżonn ta' *storage* li jista' jinbena fil-*basement* tal-binja. Peress li l-bini tal-Kunsill huwa wkoll post pubbliku, il-binja trid tinkorpora *toilet facilities* għall-użu pubbliku (b'mod limitat).

2.1.3 Tindif ta' ġibjuni u xogħol dwar ħitan f'Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jerġa' jitlob lill-Ministeri u d-Dipartimenti konċernati dwar dan ix-xogħol meħtieġ. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħsara li saret u qed issir f'binja ta' valur storiku magħrufa bħala 'Dar il-Kappillan' fl-inħawi ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li dan l-aħħar tpoġġiet xatba li seta' jagħti l-każ li binja pubblika issa ġiet meħuda mill-privat. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien qed jistħarreġ dwar dan bil-possibilità li jħares il-wirt storiku tal-Gudja.

2.1.4 Sħubija fil-GAL Xlokk. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Maniġer tal-GAL Xlokk fejn ġie ċċarat illi ma hemm l-ebda diżgwid bejn il-GAL Xlokk u l-Kunsill tal-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-GAL Xlokk spjega li sabiex ikun hemm sħubija fil-GAL Xlokk, il-Kunsill għandu jħallas forma ta’ miżata stabbilità. Is-Sindku qal li l-GAL Xlokk sejra tinforma dwar dan fi żmien qasir.

Il-Kunsill qabel li jħallas dak li jkun mitlub mill-GAL Xlokk u jibda jipparteċipa b’mod pożittiv sabiex kemm jista’ jkun malajr jikseb possibiltà li jikseb fondi f’risq il-komunità tal-Gudja.

2.2.0 Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri

2.2.1 Viċi Sindku

a. Ġbir ta’ ħwejjeġ. Is-Sur Baldacchino qal li kien fi ħsieb li jsir kordinament mal-GreenPak sabiex jinġabru ħwejjeġ użati b’risq organizzazzjoni filantropika. Is-Sur Baldacchino qal li huwa maħsub li dan il-ġbir isir is-Sibt 05 ta’ Diċembru 2015 u jsir quddiem il-bini tal-Iskola Primarja (il-librerija fejn jinsab jopera b’mod temporanju l-Kunsill).

b. Live streaming. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jwaħħal dan l-apparat fil-bini minn fejn qed jopera l-Kunsill anke jekk li qed jagħmel dan b’mod temporanju. Il-Kunsill qabel li jsir dan u li jinkiseb t-taħriġ fuq l-użu tal-apparat sabiex il-*live streaming* isir mingħajr diffikultà u li jassigura li dan il-*live streaming* ikun ta’ ġid għall-komunità tal-Gudja.

c. Tindif waqt il-festi – xiri ta’ bins kbar għall-użu waqt il-festi. Is-Sur Baldacchino qal li għandhom jinxtraw 6 bins sabiex jintużaw waqt il-festi u b’hekk tinżamm l-indafa billi l-iskart dwar fdal ta’ ikel u xorb jintremew fihom u li jkun hemm indafa f’kull ħin. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Baldacchino.

F’dan l-istadju l-Kunsill qabel b’mod unanimu li jerġa’ jissospendi l-ordni tal-aġenda u jikkonsidra tema 3 fuq l-aġenda

**3.0 <u>Mozzjoni rigward reati rrapportati fl-Għassa tal-Gudja mressqa minn Mark Anthony Sammut u ssekondata minn Stefan Caruana</u>**

3.1 Is-Sur Sammut għamel referenza għat-tagħrif li ngħata fil-mistoqsija parlamentari dwar il-kriminalità ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li kienu inkwetati dwar dak rrapurtat u x’passi sejrin jittieħdu sabiex kull kriminalità tiġi mrażżna u possibbilment meqruda.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsillieri għandhom jiġu infurmati dwar dak li jiġi diskuss mal-Pulizija għaliex huwa meħtieġ li kull kunsillier għandu jkollu tagħrif dwar dak li jkun qed iseħħ fil-Gudja u dwar dak li jkun meħtieġ sabiex ir-residenti tal-Gudja jkollhom ħajja aktar sigura.

3.2 Is-Sindku wieġeb li meta ltaqgħa mal-Ispettur tal-Għassa taż-Żejtun dan qal li seta' jkun hemm żball fil-kontenut tar-risposta u huwa (l-Ispettur) kien sejjer indaga dwar dan.

3.3 Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jikseb tagħrif dwar f'liema inħawi seħħew dawn ir-reati. Huwa qal ukoll illi l-Kunsill għandu jaħdem sabiex ġewwa l-Gudja jiġi stabbilit dak li huwa magħruf bħala n-*neighbourhood watch* sabiex jagħti l-ħarsien meħtieġ b'forma informali iżda effettiva. Il-Kunsill qabel illi r-relazzjoni mal-Pulizija ma tkunx biss f'idejn is-Sindku u li l-Kunsillieri għandhom ikunu jafu dwar dak li jkun qed iseħħ u diskuss mal-Pulizija dwar is-sigurtà ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li malli jkun hemm ħjiel ta' laqgħa mal-Pulizija kull Kunsillier għandu jiġi infurmat sew minn qabel dwar il-post, data u l-ħin tal-laqgħa sabiex kemm jista' jkun jattendu għal dawn il-laqgħat. Il-Kunsill talab ukoll illi kemm jista' jkun l-Għassa tal-Pulizija tkun miftuħa u li jkun hemm aktar patrol tal-Pulizija ġewwa l-Gudja u fl-inħawi tal-madwar.

Peress li l-ħin kien qed jagħfas u l-Kunsill ma xtaqx li jtawwal aktar minn 3 sigħat tratta b'mod sommarju dawn it-temi.

i. Tourism hub ġewwa Marsaxlokk li fih il-Gudja sejra tkun rrappreżentata bil-*borchures*.

ii. Tilqima kontra l-influwenza li sejra tingħata fis-17 ta' Novembru fl-uffiċċju l-antik fis-sular t'isfel.

iii. Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana qal li huwa maħsub li din l-attività sejra sseħħ fl-20 ta' Diċembru 2015. Is-Sur Caruana qal li sejjer jagħti tagħrif dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

iv. Tiżjin (mhux bid-dawl). It-tiżjin f'toroq fl-inħawi tal-Mitħna, fi Triq il-Kappillan u Triq W. Baker. Il-Kunsill qabel li dan jkompli jiġi fdat u eżekwit mis-Sur Zammit u li jingħata l-għajnuna kif ikun meħtieġ.

v. Tiżjin normali f'diversi toroq madwar il-Gudja mill-għaqdiet tal-festi kif sar snin oħra u applikazzjoni tal-meter dawl fir-roundabout quddiem Palazzo d'Aurel.

vi. Plakka ta' tagħrif ħdejn il-Kappella ta' Loreto. Is-Sur Caruana qal li kif kien maqbul il-plakka issa twaħħlet u dan kompla jżid mad-diversi plakek li twaħħlu

f'diversi nħawi tal-Gudja u juru postijiet ta' storja u importanza ġewwa u madwar il-Gudja.

vii. JChallenge – Youth village at Gudja. Is-Sur Caruana fakkar lill-Kunsill li din l-attività li qed tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja (fost oħrajn u flimkien ma sponsors oħra). Is-Sur Caruana qal li l-ET l-President ta' Malta Coleiro Preca aċċettat li tieħu sehem fil-ftuħ tal-programm.

L-organizzaturi (Grupp Żgħażagħ Gudja) stiednu wkoll persuni distinti fil-qasam poltiku u fil-qasam taż-żgħażagħ. Kull protokol huwa fdat f'idejn il-GŻG u l-Kunsill Lokali tal-Gudja sejjer ikollu parteċipazzjoni diretta fil-kunċert li huwa parti mill-programm tal-Erba' Staġuni li għal din l-okkażjoni ġie inkorporat f'din l-attività.

Is-Sur Caruana stieden lill-kulħadd sabiex jattendi u jipparteċipa f'din l-attività. Is-Sur Caruana stieden lis-Sindku, il-Viċi Sindku u Kunsillieri sabiex ikunu preżenti u jilqgħu u jakkumpanja lill-ET l-Presidenti ta' Malta Coleiro Preca fil-ftuħ tal-programm JChallenge fit-13 sal-15 ta' Novembru 2015.

viii. Lezzjonijiet ta' *beading*. Sa. Grech qalet li dan il-programm ta' tagħlim matul il-ħajja kien sejjer jirrikjedi 10 lezzjonijiet ta' €25 għal sagħtejn (2) u jsir ħlas lill-Arċipriet għall-użu tal-kmamar fiċ-ċentru tal-Parroċċa.

ix. Programm ta' edukazzjoni fiżika u sport pilates. Is-Sur Sammut qal li kien qed jipprepara sabiex dan isir fi żmien Frar sa Mejju 2016. Is-Sur Sammut qal li sejjer jagħti tagħrif dwar dan aktar 'il quddiem.

**11.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>**

11.1 Għalkemm xi temi tal-aġenda kienu għadhom ma ġewx trattati, iżda peress li kien sar il-ħin, is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.05pm

11.2 Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għall-Ħamis 29 ta' Ottubru 2015 sabiex il-Kunsill ikompli jikkonsidra t-temi tal-aġenda li għadhom ma ġewx konsiderati.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ___________________